



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Frar 2023
(OR. en)

5671/23

ACP 5
FIN 72
PTOM 1

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tmien FEŻ) għas-sena finanzjarja 2021

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet
tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tmien FEŻ)
għas-sena finanzjarja 2021**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Raba' Konvenzjoni ACP-KEE iffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989¹, kif emendata bil-Ftehim li jemenda r-raba' Konvenzjoni ACP-KE ta' Lomé iffirmat f'Mauritius fl-4 ta' Novembru 1995²,

¹ ĠU L 229, 17.8.1991, p. 3.

² ĠU L 156, 29.5.1998, p. 3.

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni tal-għajnuna tal-Komunità taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-raba' Konvenzjoni ACP-KE¹ (il-"Ftehim Intern") li jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, it-tmien Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-"tmien FEŻ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju 98/430/KE tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għall-kooperazzjoni għall-finanzjament tal-iżvilupp skont ir-raba' Konvenzjoni ACP-KE², u b'mod partikolari l-Artikoli 66 sa 74 tiegħu,

¹ ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.

² ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.

Billi:

- (1) Il-Kunsill eżamina l-kont tad-dħul u tal-infiq u l-karta tal-bilanċ relatati mal-operazzjonijiet tat-tmien FEŻ kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2021 u r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp dwar is-sena finanzjarja 2021¹, flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni li jinsabu f'dak ir-rapport annwali.
- (2) F'konformità mal-Ftehim Intern, il-kwittanza għall-amministrazzjoni finanzjarja tat-tmien FEŻ għandha tingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.
- (3) L-implimentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni tal-operazzjonijiet tat-tmien FEŻ matul is-sena finanzjarja 2021 kienet sodisfaċenti,

¹ Ara l-komunikazzjoni rilevanti fil-Ġurnal Uffiċjali, ĠU C 391, 12.10.2022, p. 6.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tat-tmien FEŻ għas-sena finanzjarja 2021.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
